bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Dominic Micallef)
vs
Mario Cassar, iben Carmelo,
imwieled Pieta’ fil-11 ta’ diċembru, 1974

Illum, 10 ta’ ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fit-13 ta’ awissu, 1999 f’xi ħin wara nofs in-nhar, fil-limiti ta’ Wied iż-Żurrieq, għamel ferita gravi li ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ fuq il-persuna ta’ Salvu Farrugia, kif iċċertifikat mit-tabib Dr. Stanley Zammit M.D.
2. talli fl-istess ġurnata, ħin u ċirkostanżi għamel ferita ta’ natura ħafifa fuq l-istess persuna ta’ Salvu Farrugia, kif iċċertifikat mit-tabib Dr. Stanley Zammit M.D.

liema reati, bħala uffiċjal pubbliku, kellhu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li timpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-30 ta’ lulju, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat hu membru tal-Forżi Armati ta’ Malta u fil-ġurnata tal-inċident ġie ordnat li jmur ‘swimming parade’ f’Wied iż-Żurrieq flimkien ma suldati oħra. Huma waslu fil-post indikat b’truck tal-army u waqt li kien qed jirriversja dan it-truck laqgħat drain tal-plastic. Is-surġent informa lis-sid ta’ dan il-pipe li kienu ser isewwu u l-kwistjoni waqfet hawn. Sar il-parade u meta s-suldati telgħu mil-baħar u waslu ħdejn it-truck sabu li xi ħadd kien waddab xi fuel fuq it-truck u qaċċat il-brakes ta’ l-istess truck. Għalhekk, tnejn min-nies marru jċemplu minn bar fil-viċinanżi u hemmhekk inqalat ġlieda li konsegwenza tagħha Salvu Farrugia ġarrab feriti ta’ natura ħafifa. Jirrizulta li Salvu Farrugia, li kien fil-bar, mar fil-kamra ta’ fuq niżżel senter u kif xi ħadd għajjat li dan kellhu senter f’idejh is-suldati kollha tferrxu.

Illi l-pulizija nterveniet fuq il-post u ordnat li s-suldati kollha jmorru d-depot biex jssir identification parade. Salvu Farrugia indika lill-imputat bħala l-persuna li feritu. Il-pulizija kellmu lill-imputat li ċaħad li kien wettaq il-feriti fuq il-persuna hawn fuq imsemmija. Din iċ-ċaħda saret ukoll fix-xhieda tiegħu l-Qorti. Hu xehed li kienet persuna oħra li marret iċċempel fil-bar u hu qatt ma resaq lejn il-bar u dejjem qagħad ħdejn it-truck tas-servizz.

Illi ċertu Erenest Pulis xehed li hu kien mar iċempel u l-imputat ma kienx miegħu. Anżi hu xehed li hu qala daqqa ta' ponn fuq imnieħru iżda ma għamel ebda ferita lil Salvu farrugia li kien quddiemu. Xehdu ħames suldati oħra li qalu li l-imputat kien ħdejhom u qatt ma resaq lejn il-bar fejn ġie ferut Salvu Farrugia. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddidubita mill-veraċita' ta' din ix-xhieda.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.